# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-15 TA' DIĊEMBRU, 2022**

**Kawża Numru: 4**

**Rik. Ġur. Nru. 1194/2019 RGM**

**Victor Camilleri u għal kull interess illi jista'**

**jkollha martu Antonia Camilleri**

**vs.**

**Jeffrey Attard**

**u**

**Lara Investments Limited**
**(C 24441)**

**Il-Qorti:**

*Din hija sentenza dwar talba sabiex il-Qorti tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv naxxenti minn kuntratt pubbliku wara li għaddew ħames snin minn meta seta' jiġi eżegwit, ai termini tal-**Artikolu 258 tal-Kap. 12.***

**Preliminari.**

Rat ir-**rikors ta' Victor Camilleri et.** ppreżentat fis-16 ta' Diċembru, 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

''Illi permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr Bartolomeo Micallef u datat 30 ta' April, 2014 bejn ir-rikorrenti Victor Camilleri u l-intimati (Dok A), l-intimat Jeffrey Attard ikkostitwixxa ruhu veru cert u likwidu debitur tar-rikorrenti Victor Camilleri fis-somma ta' Euro 50,000 dovuta bhala rifuzjoni ta' self moghti lilu mir-rikorrenti Victor Camilleri u obbliga ruhu li jhallas din is-somma lura mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tal-kuntratt bl-imghax tat-8% per annum dekorribli mit-30 ta' April, 2014;

Illi bl-istess kuntratt is-socjeta` intimata ggarantiet a favur tar-rikorrenti Victor Camilleri il-hlas tal-imsemmi debitu;

Illi r-rikorrenti huma mizzewgin u bejniethom japplika r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti;

Illi l-esponenti Victor Camilleri jikkonferma bil-gurament illi l-kreditu dovut lilu huwa ta' rifuzjoni ta' self (ossia Euro 50,000) u l-imghax pattwit tat-8% per annum dekorribbli mit-30 ta' April, 2014 dovut mill-intimat Jeffrey Attard bhala d-debitur li kien ircieva is-self u l-intimata Lara

Investments Limited bhala garanti. Minkejja li l-intimati gew interpellati biex ihallsu permezz ta' zewg ittri legali datati 6 ta' Gunju, 2019 u 4 ta' Lulju, 2019 (Dok B u Dok C) u permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Ottubru, 2019 (Dok D), huma baqghu inadempjenti;

Illi l-imsemmi kuntratt jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 253(b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-rikorrenti qed jintavolaw dan ir-rikors a tenur tal-artiklu 258(c) tal-Kap 12 u dan peress illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data li minnha seta' gie infurzat/ezegwit l-istess kuntratt;

Illi r-rikorrenti ghandu interess li jkompli bl-ezekuzzjoni tal-imsemmija titoli ezekuttivi;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, a tenur tal-artikolu 258(c) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), tawtorizza l-ezekuzzjoni tal-fuq imsemmi kuntratt tat-30 ta' April, 2014 bhala titolu ezekuttiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk ittri bonarji u ittra ufficjali fuq imsemmija u tal-mandat ta' sekwestru l-hrug ta' liema gie mitlub kontestwalment ma' dana l-att.''

Rat illi wara diversi tentativi għan-notifika tal-konvenuti bla suċċess, il-konvenuti ġew notifikati bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni, liema proċedura ġiet konkluża b'avviż ippubblikat fuq gazzetta lokali fit-30 ta' Marzu 2022.

Rat illi l-konvenuti ma ppreżentawx risposta ġuramentata u għalhekk waqgħu fi stat ta' kontumaċja.

Semgħat ix-xhieda tal-attur.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti**.

1. In forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr Bartolomeo Micallef fit-30 ta' April 2014 l-attur Victor Camilleri silef lill-konvenut Jeffrey Attard is-somma ta' ħamsin elf Euro (€50,000) bl-imgħax ta' tmienja fil-mija fis-sena u bil-kondizzjoni li s-somma u l-imgħax jiġu rifużi fi żmien sitt xhur.

2. Fuq l-istess kuntratt il-konvenut Jeffrey Attard iddikjara ruħu veru, ċert u likwidu debitur versu l-attur fis-somma ta' €50,000.

3. Bħala garanzija tal-pagament, il-konvenut Jeffrey Attard personalment ikkostitwixxa ipoteka ġenerali fuq ħwejġu kollha għas-somma ta' €150,000 filwaqt li s-soċjeta' konvenuta iggarantiet il-ħlas a favur l-attur tas-somma mislufa billi kkostitiwit Ipoteka Speċjali għas-somma ta' €150,000 fuq proprjeta' ġewwa Ħ'Attard.

4. Peress li l-konvenut baqa' ma ħallas xejn mill-ammont lilu misluf l-atturi, wara diversi ittri interpellatorji mibgħuta mill-avukat tagħhom, fl-10 ta' Ottubru 2019

ippreżentaw ittra uffiċjali kontra l-konvenuti jinterpellawhom għall-ħlas tas-somma ta' €50,000 oltre l-imgħax u l-ispejjeż li ġiet lilhom notifikata fit-22 ta' Novembru 2019.[1] Mankanti l-pagament l-atturi istitwew il-kawża odjrna.

**Konsiderazzjonijiet**.

5. Kif rajna l-konvenuti baqgħu kontumaċi. Huwa prinċipju ben stabbilit illi konvenut li jibqa' kontumaċi ma għandux jitqies li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u lanqas għandu jiġi kkunsidrat daqs li kieku ammetta t-talbiet attriċi. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut.[2] Mod ieħor, konvenut li jibqa' kontumaċi għandu jitqies illi irrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti u mhux li ammetta. B'daqshekk ma jfissirx illi l-Qorti għandha tissolleva eċċezzjonijiet li mhiex mogħtija l-jedd li tissolleva *ex officio* mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku. Altrimenti l-jedd għal smiegħ xieraq jiġi serjament ippreġudikat.[3]

6. F'sitwazzjoni ta' kontumaċja huwa xorta mistenni li l-attur iressaq provi in sostenn tat-talbiet attriċi li għandhom inisslu f'moħħ il-ġudikant dak il-konvinċiment meħtieġ li jwasslu għall-akkoljiment tat-talbiet attriċi.[4] Fin-nuqqas it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

---

[1] Kopja a fol. 6
[2] **Blye Engineering Co. Ltd. vs. Philip Borg Bellanti et.** - Appell Inferjuri - 22 ta' Ġunju 2005
[3] **Hammett vs. Genovese** - Appell Superjuri - 31 ta' Jannar 1991;
[4] **Joseph Edmond Meilaq vs. Brian Mizzi et. noe.** - Appell Superjuri - 27 ta' Marzu 1996;

7. Ngħaddu issa għall-azzjoni attriċi. Opportun jiġi qabel xejn ikkonsidrat ix-xorta ta' kawża li l-atturi istitwew.

8. Kif rajna taħt il-kappa 'Preliminari', l-kawża odjerna ma hiex tax-xorta għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu kontra debitur u kontra l-garanti; iżda hija kawża fejn l-atturi jippretendu li ġia jibbenefikaw minn titolu eżekuttiv kontra l-konvenuti naxxenti mill-kuntratt pubbliku fuq imsemmi. Peress li għaddew ħames snin minn meta seta' jiġi eżegwit qed jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv de quo bis-saħħa tal-Artikolu 258 (c) tal-Kap. 12.

9. Kif jipprovdi Kapitolu 12, kull titolu eżekuttiv għandu żmien limitat li matulu l-kreditur jista' jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv tiegħu. Skadenti dak it-terminu mingħajr ma l-kreditu dovut għadu saldat, il-kreditur jeħtieġlu illi jsegwi l-proċedura maħsuba taħt l-Artikolu 258 tal-Kap. 12. Altrimenti l-eżegwibilita' ta' dak it-titolu tibqa' sospiża.[5] Kuntratt riċevut minn nutar pubbliku meta huwa kuntratt dwar dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt huwa kkonsidrat titolu eżekuttiv fit-termini tal-Artikolu 253 (b) tal-Kap. 12. Sabiex titolu eżekuttiv naxxenti minn kuntratt pubbliku jista' jiġi eżegwit jeħtieġ qabel xejn illi l-kreditur isejjaħ lid-debitur għall-ħlas permezz ta' att ġudizzjarju u jħalli jumejn jgħaddu min-notifika.[6]

10. Kreditur li jgawdi titolu eżekuttiv għandu żmien determinat sa meta jista' jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv

[5] **Bank of Valletta plc vs. John Borg et.** - Appell Superjuri - 30 ta' Novembru 2022;
[6] Artikolu 256 (2) tal-Kap. 12

tiegħu mingħajr il-ħtieġa li jerġa jirrikorri lejn il-Qorti. Hekk insibu illi skond Artikolu 258 (ċ) wara li jgħaddu ħames snin minn meta l-kreditur li jivvanta titolu eżekuttiv naxxenti minn kuntratt pubbliku jiskadu mingħajr ma l-kreditu jkun ġie saldat, ikun meħtieġ li jsir rikors għall-awtorizzazzjoni.

11. F'din ix-xorta ta' proċedura xogħol il-qorti huwa li tara li t-titolu eżekuttiv vantat jiswa fit-termini tal-liġi u li jkun għadda ż-żmien mogħti mil-liġi sabiex jiġi eżegwit kif ukoll li tkun sodisfatta li l-kreditu kanonizzat bl-att pubbliku ma jkunx ġie saldat. Jekk il-qorti tkun sodisfatta b'dawn ir-rekwiżioti allura ma għandha tqis xejn aktar anke jekk hemm kwistjoni bejn il-partijiet fir-rigward tal-quantum tal-ammont dovut. Huwa biss meta l-konvenut jeċċepixxi l-pagament a saldu li l-qorti għandha tikkonsidra jekk tali eċċezzjoni hiex fondata. Jekk il-konvenut jeċċepixxi li l-attur qed jirreklama bilanċ akbar minn dak li l-konvenut jippretendi li hu dovut, tali vertenza ma għandiex tiġi investita f'din ix-xorta ta' proċedura iżda fi stadju ieħor tal-proċeduri ġudizzjarji għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv jekk ikun il-każ.

12. Il-kuntratt li dwaru l-atturi istitwew il-kawża odjerna jikwalifika bħala titolu eżekuttiv kontemplat fl-Artikolu 253 (b) tal-Kap. 12 peress li f'dan il-kuntratt il-konvenut Jeffrey Attard iddikjara li huwa veru, ċert u likwidu debitur tal-attur Victor Camilleri fis-somma ta' €50,000. Jirriżulta wkoll illi l-ammont imsemmi kellu jitħallas fi żmien sitt xhur mid-data tal-kuntratt u ċioe' sat-30 ta' Ottubru 2014. Il-ħames snin kontemplati fl-Artikolu 258 (ċ) tal-Kap. 12 għaddew bil-konsegwenza illi l-

eżegwibilita' ta' tali titolu ġiet sospiża. Kien għalhekk meħtieġ li l-atturi jintavolaw dawn il-proċeduri bis-saħħa tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12.

13. Skond Artikolu 258 tal-Kap. 12 rikorrent bl-eżegwibilita' ta' titolu eżekuttiv sospiża jeħtieġlu li permezz ta' rikors:

(i) jitlob l-awtorizzazzjoni tal-qorti sabiex jeżegwixxi dak it-titolu;

(ii) jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha; u

(iii) u jikkonferma bil-ġurament li d-dejn jew parti minnu għadu dovut.

14. Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 258 tal-Kap 12 ir-rikorrent issodisfhom kollha għaliex eżebixxa kopja tal-kutratt ta' kostituzzjoni ta' debitur; permezz tar-rikors promotur talab lill-qorti tawtorizzah jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv naxxenti mill-kuntratt pubbliku imsemmi; u fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2022 xhed illi l-ammont kollu indikat fil-kuntratt de quo għadu kollu dovut.

15. Is-soċjeta' konvenuta daħlet fuq l-istess kuntratt pubbliku garanti għall-ammont kollu dovut mill-konvenut Attard. Għalhekk il-kanonizzazzjoni tal-kreditu permezz tal-kuntratt pubbliku de quo testendi wkoll fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta li deheret fuq l-istess kuntratt pubbliku bħala garanti.[7]

[7] **Bawag Bank Malta Ltd. vs. Gemxija Crown Ltd. et.** - Appell Superjuri - 22 ta' Frar 2013;

16. Il-Qorti għalhekk tqis illi jirriżultaw l-estremi sabiex tagħti l-ħajja mill-ġdid l-eżegwibilita' tat-titolu eżekuttiv naxxenti mill-kuntratt pubbliku fuq imsemmi.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi fil-kontumaċja tal-konvenuti;

1. **Tilqa'** t-talba tal-atturi u tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv naxxenti mill-kuntratt pubbliku fuq imsemmi ppubblikat min-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef fit-30 ta' April 2014;

2. **Bl-ispejjeż** kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
15 ta' Diċembru 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**